FLORIANA
Borgo Vilhena

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

---

2 ta' Marzu 2011

## Minuti tal-Hamsa u Erbghin (54) Laqgha ~~Straordinarja~~ tal-Hames Kunsill Lokali Floriana

Is-Sindku sejjah il- **Hamsa u Erbghin (54)** laqgha **~~straordinarja~~** tal-Hames Kunsill Lokali Floriana li nzammet **nhar il-Ġimgħa 18 ta' Frar 2011 fl-17:30.**

Il-**Hamsa u Erbghin (54)** laqgha **~~straordinarja~~** tal-Hames Kunsill Lokali Floriana nzammet b'din l-agenda:-

1. Approvazzjoni tar-rapport finanzjarju ghas-sena 2010
2. Aggornament tal-laqgha

Ghal-laqgha straordinarja tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti is-Sindku Nigel Holland (attenda 10 minuti tard), il-Vici Sindku Franco Davies (attenda 40 minuta tard), il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Sandra Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat.

## Bidu tal-laqgha:

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mill-Kunsillier Vincent Borg, peress li huwa l-aktar kunsillier anzjan fl-assenza tas-Sindku Nigel Holland u l-Vici-Sindku Franco Davies.

## 1. Approvazzjoni tar-rapport finanzjarju ghas-sena 2010

1.1 Il-Kunsillier Vincent Borg stieden lis-Segretarju Ezekuttiv u lill-Accountant tal-Kunsill iressqu ir-rapport finanzjarju ghas-sena 2010 (anness ma' dawn il-minuti), ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**NOTI:**

**Fil-5.40pm attenda s-Sindku Nigel Holland u wara li rringrazzja lill-Kunsillier Vincent Borg talli ippresieda l-laqgha, ha s-sedja tat-tmexxija tal-laqgha.**

**Fil-6.10pm attenda l-Vici-Sindku Franco Davies ghal-laqgha.**

1.2 Wara li l-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Finanzi u saret spjegazzjoni ta' dan ir-rapport finanzjarju tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg biex dan ir-rapport finanzjarju jigi approvat.

1.3 Ittiehed vot favur il-mozzjoni, bir-rizultat kien:
Favur: 5 (NH, FD, ET, VB, SSH)
Kontra: 0

1.4 Ir-rapport finanzjarju ghas-sena finanzjarja 2010 gie unanimament approvat u ghaldaqstant jista' jintbaghat lill-Awditur Generali.

## 2.0 Aġġornament tal-laqgħa

2.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir fit-3 ta’ Marzu 2011 fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fis-6.25pm.

Nigel Holland
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Ezekuttiv